MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 461/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Micallef)**
**Vs**
**Martin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 76873(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Mejju, 2011, ghall-habta tas-01.00 hrs gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala :

1. saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru TUL-261 fi Triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;
3. kif ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament

ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Matthew Mallia skond kif iccertifika Dr. J.P. Vella M.D mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli partikolarment l-artikolu 328 tal-Kap. 9 u l-artikoli 15A u 15E tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat li sabet lill-appellant hati ta' tali akkuzi u kkundannatu jhallas multa ta' erbgha mija w sitta w sittin Ewro (€466).
Ordnat ukoll li jkun skwalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

<u>Dwar l-ewwel imputazzjoni</u>

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwardja r-reat ikkontemplat mill-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitratta kazijiet fejn persuna tkun, *inter alia,* taht l-influenza tax-xorb u b'hekk ma tkunx fkundizzjoni li ssuq;

Illi sabiex wiehed ikun jista` jinstab hati ta' tali imputazzjoni jehtieg li fl-ewwel lok jigi ppruvat li hu kien ikkonsma l-alkohol, u fit-tieni lok, li l-alkohol ikun kkonsmat f'ammont li influenzah tant li rrendih mhux f'kundizzjoni li jsuq;

Illi fil-kaz in ezami lanqas biss ingiebet prova li l-appellant kien fil-fatt ikkonsma xi kwantita` - kbira jew zghira – ta'

xorb alkoholiku, u ghalhekk, wisq anqas seta` jigi ppruvat li kien hemm konsum li naqqas il-kapacita` tieghu li jsuq;

Illi fil-fatt, fix-xiehda tieghu, l-appellant cahad bl-izjed mod kategoriku li kien ikkonsma xi xorb qabel ma sehh l-incident;

Illi sabiex tirrizulta tali imputazzjoni – kuntrarjament ghal dik kontemplata mill-artikolu 15B tal-Kap. 65 – mhux necessarju illi jsir xi test sabiex jigi deteminat il-kontenut tal-alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina tas-suspettat, u allura, huwa bizzejjed li jingiebu provi cirkostanzjali;

Izda madankollu, il-fatt li mhux mehtieg li jsir test xjentifiku sabiex jigi determinat jekk kienx ikkunsmat xorb alkoholiku, u jekk iva, li kien bizzejjed biex itellef persuna milli jkollha kontroll totali fuq il-vettura minnha misjuqa, ma jfissirx li ma trid tingieb l-ebda prova sabiex din l-imputazzjoni tigi ppruvata;

Illi f'dan is-sens il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li biex tirrizulta tali imputazzjoni :
***Bizzejjed li jirrizulta mill-osservazzjoni ta' xhieda prezenti li s-sewwieq ikun qed juri sinjali ta' xorb ta' alcohol, bhala ma huma sewqan inspjegabbilment erratiku jew spavald izzejjed, r-riha ta' xorb man-nifs, xengil jew nuqqas ta' ko-ordinazzjoni tal-movimenti tal-gisem tas-sewwieq meta johrog mill-vettura, tkarkir tal-kliem, ecitament zejjed u sinjali ohra komunement riskontrabbli f'persuna xurbana.***

Illi mill-affidavit ta' PS 192 jidher li l-istess Pulizija kellu "suspett" li l-appellant kien taht l-influenza tal-alkohol, izda ma jirrizultax x'kien dak li qanqal fih tali suspett, u dan meta facilment l-istess Pulizija seta` jlahham u jispjega fil-qasir dan is-suspett tieghu;

Illi ma ngiebet l-ebda prova cirkostanzjali li turi li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba li kien xorob, u l-unika prova – jekk wiehed jista` jsejhilha hekk – li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti keinet id-

diokjarazzjoni guramentata ta' PS 192, li kellu "suspett" li l-appellant kien taht l-influenza tal-alkohol;

Illi min-natura tieghu stess, il-kuncett ta' "suspett" jinvolvi d-dubju u jeskludi c-certezza u allura, l-Qorti ghandha tkun kawta meta jkollha quddiemha suspett li mhux spjegat u elaborat bil-fatti cirkostanzjali kollha li jkunu wasslu ghalih;

Illi ghalhekk l-appellant ihoss illi din l-ewwel imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u li konsegwentement ghandu jigi lliberat minn kull imputazzjoni u piena fir-rigward tal-istess;

Illi l-effett li t-tieni imputazzjoni jista` jkollha fuq is-sejbien ta' htija ghal din l-ewwel imputazzjoni ser jigi trattat izjed 'l isfel;

Dwar it-tieni imputazzjoni

Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwarda r-reat ikkontemplat mill-artikolu 15E tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u li l-pern taghha huwa r-rifjut ta' persuna li taghti kampjun tan-nifs jew tal-urina ghall-finijiet ta' test ghall-alkohol;

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li wara li sehh l-incident, l-appellant ittiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla biex isirlu t-test tan-nifs, u minkejja li l-appellant beda jipprova jonfoh gewwa l-apparat sabiex jezegwixxi t-test, l-apparat ma setax iqis l-ammont t'alkohol fin-nifs, u dan kif jidher mit-tliet (3) rizultati tat-test – li sar tliet (3) darbiet – li gew esebiti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi f'dan l-istadju jista` jinghad illi la gew esebiti tliet (3) rizultati ghal tliet (3) testijiet li sar lill-appellant wiehed wara l-iehor, awtomatikament tigi eskluza t-tezi li dan irrifjuta li jaghti kampjun, ghax li kieku dak kien il-kaz, mhux talli ma kienx ikun hemm tliet (3) rizultati separati, izda lanqas biss kien ikun hemm wiehed (1) – il-fatt li hemm rizultat jindika b'mod inekwivoku li l-appellant it-test accetta li jaghmlu, u mhux talli ghamlu darba, izda ghamlu tliet (3) darbiet;

Illi jekk l-apparat ma tax rizultat sodisfacenti, dan bl-ebda mod ma jista` jigi interpretat bhala rifjut da parti tal-appellant li jaghmel it-test tan-nifs;

Illi allura jsegwi li mhux minnu li l-appellant irrifjuta li jaghmel it-test, u ghalhekk ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni u mill-piena relattiva;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irrizulta wkoll li l-appellant ma setax jonfoh b'bizzejjed forza gewwa l-istrument u dan minhabba li meta sehh l-incident stradali in kwistjoni ic-cinturin tas-sigurta` ghafas ma' sidru u fil-fatt anke kkawzalu tbengil kif jidher mir-ritratti esebiti mill-istess appellant quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali;

Illi fil-fatt, war ali sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, l-appellant ittiehed direttament mill-Ghassa tal-Pulizija ghall-Isptar Mater Dei, fejn huwa gie ezaminat minhabba l-impatt li sofra fuq sidru, u fejn gie konsegwentement iccertifikat li sofra griehi b'konsegwenza tal-incident;

Illi fl-affidavit tiehu, PS 192 iddikjara b'mod kategoriku ghall-ahhar li "Martin ma kienx f'kundizzjoni li jaghmlu (it-test) sewwa", u tant kien minnu dan, li fil-fatt l-appellant ittiehed mill-Ghassa tal-Pulizija ghall-Isptar Mater Dei sabiex jgi ezaminat u jiehu l-kura necessarja;

Illi tali dikjarazzjoni guramentata ta' PS 192 li l-appellant "ma kienx f'kundizzjoni" li jaghmel it-test, tissuggerixxi li l-istess xhud tal-prosekuzzjoni ha l-impressjoni li l-appellant ma kienx qed jexita li jsirlu t-test, izda turi konvinzjoni da parti tieghu li kien hemm raguni fizika li kienet qed timpedixxi lill-istess appellant milli jonfoh b'bizzejjed sahha gewwa l-apparat;

Illi l-artikolu 15E(4) jipprovdi li jekk persuna tonqos milli taghti kampjun meta tkun hekk mitluba taghmel mill-Pulizija ghall-iskopijiet ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tkun hatja ta' reat, kemm-il darba dik il-persuna ma ggibx prova

li ma tatx il-kampjun minhabba, *inter alia,* xi inkapacita` fizika;

Illi fil-kaz in ezami, kemm mix-xiehda li ta l-appellant, kemm mir-ritratti minnu esebiti, u kif ukoll mid-dikjarazzjoni guramentata ta' pS 192 li l-appellant "ma kienx f'kundizzjoni" li jaghmel it-test sewwa, jirrizulta li l-appellant ma rrifjutax li jaghmel it-test, izda sempliciment ma kienx f'posizzjoni li jonfoh bizzejjed, u dan in vista tal-fatt li kien ghadu kif isofri impatt fuq sidru;

Illi di piu, ghal kull buon fini jinghad ukoll illi l-Pulizija Ezekuttiva tista` mhux biss tiehu kampjun tan-nifs, izda anke kampjuni tal-urina – liema kampjuni jistghu facilment jittiehdu gewwa ghassa – u allura, li kieku l-Pulizija tassew kellha suspett u riedet tipprova li l-appellant kien taht l-influenza tax-xorb setghet titlob il-kampjuni tal-urina meta deher li l-kampjun tan-nifs ma kienx ser jindika li l-appellant kien taht l-effetti tax-xorb;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi t-tieni imputazzjoni taqra precizament hekk :
*U talli irrifjutajt jew inqast milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina.*

B'dan illi l-imputazzjoni kif dedotta donna taghti l-impressjoni li l-appellant kellu xi ghazla jekk jaghtix kampjun tan-nifs, jew inkella, alternattivament, kampjun tal-urina;

Illi l-imputazzjoni li f'dan il-kaz kellha tigi dedotta kontra l-appellant kellha tkun limitata biss ghar-rigward tal-kampjun tan-nifs, u dan peress li hu qatt ma gie mitlub jaghti kampjun tal-urina, bl-istess mod li ma giex mitlub li jaghti kampjun tad-demm, u li fil-fatt ma giex inkluz fl-imputazzjoni;

Illi ghalhekk, skond l-imputazzjoni kif dedotta, l-appellant seta` jinstab hati li rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs, u li rrifjuta wkoll li jaghti kampjun tal-urina, li carament mhux il-kaz, stante li ma giex mitlub jaghti kampjun tal-urina;

Illi li kieku dan ir-ragunament ma kienx jaghmel sens, allura, l-prosekuzzjoni kien imissha wkoll inkludiet fl-imputazzjoni rifjut li jaghti anke kampjun tad-demm;

Illi logikament allura jsegwi li qatt ma setghet tinstab htija a bazi tat-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta ;

Illi in sintezi, jinghad li l-fatt li saru tliet (3) testijiet tan-nifs min-natura tieghu jeskludi l-possibilita` li seta` rrifjuta li jaghmel it-test, u inoltre, il-fatt li hu ma setax minhabba raguni fizika jonfoh bizzejjed biex l-apparat jimmarka – fatt ammess minn PS 192 stess – flimkien mal-fatt li l-Pulizija ghazlet li ma tiehu l-ebda kampjun tal-urina, jeskludi n-nuqqas ta’ ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija ghall-gbir ta’ kampjuni, u ghalhekk, l-appellant ghandu jigi lliberat minn din imputazzjoni u piena abbinata maghha;

<u>Dwar it-tielet imputazzjoni</u>

Illi t-tielet imputazzjoni tirrigwarda r-reat ikkontemplat mill-artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fil-kaz in ezami Matthew Mallia xehed illi waqt li hu kien qed isuq, hareg l-appellant minn triq sekondarja minghajr ma waqaf sabiex jara jekk kienx hemm traffiku, u b’konsegwenza t’hekk laqtu;

Illi mill-banda l-ohra, l-appellant xehed li hu fil-fatt waqaf fit-tarf tat-triq sekondarja li kien qed isuq fiha, u wara li hames lejn in-naha tal-lemin biex jara jekk kienx hemm traffiku gej fid-direzzjoni tieghu, beda hiereg bil-mod u f’salt sab il-vettura L-OHRA FUQU LI KIENET GHADDEJJA B’VELOCITA` ECCESSIVA;

Illi mix-xhieda tal-appellant, allura, irrizulta li hu kien qed josserva r-regoli tat-traffiku filwaqt li kien Matthew Mallia li kkawza l-incident in ezami, partikolarment minhabba li kien ghaddej b’velocita` eccessiva;

Illi finalment jinghad ukoll li l-qorti hija b’dan il-kaz rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti, u allura, stante li din hija kawza ta’ natura prenali, u stante

wkoll li l-imputazzjoni jehtieg li tigi ppruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, isegwi li jekk jezisti dubju, dan ghandu jxaqleb il-keffa tal-mizien a favur tal-imputat;

Illi konsegwentement l-appellant ghandu jgi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Rat l-affidavit a fol 9 magħmul minn PS 192 Ramon Godano. Fl-affidavit jingħad hekk:

'*Jien fuq suspett li x-xufier tal-vettura TUL-261 ċertu Martin Zammit ID 76873(M) kien taħt l-influwenza tal-alkoħol ħadtu ġewwa l-għassa ta' Bormla biex isirlu t-test tal-alkoħol. Wara li Martin Zammit ingħatlu t-twissija fir-rigward tal-imsemmi test, dan l-istess test sarlu tliet darbiet u Martin Zammit ma kienx f'kundizzjoni li jagħmlu sew. Martin Zammit stqarr li ma setax jonfoħ sewwa għax, skont hu, kellu sidru juġgħu minħabba s-seat belt.* '

Rat id-dokumenti l-oħra inklużi r-ritratti a fol 10 u 11, il-full road traffic report a fol 3, l-isketch a fol 13, l-Patient's Certificate Form a fol 14 li juri li Matthew Mallia kellu offiżi ħfief u r-ritratti a fol 17, 18, 19, 20, 21, 22 u 23 tal-proċess.

Mix-xhieda li reġgħet semgħet il-Qorti rriżulta dan li ġej.

Ir-rappreżentant tat-Transport Malta Brian Farrugia xehed li l-vettura TUL- 261 fid-29 ta' Mejju 2011 kienet irreġistrata fuq is-sur Martin Zammit (ID 76873). Il-liċenzja tas-sewqan kien ġabha fit-2 ta' Ġunju 1992.

Matthew Mallia xehed li fid-29 ta' Mejju 2011 għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, hu kien nieżel minn Triq il-Qaliet li hija main road. Ħareġ l-appellant minn triq residenzjali – Triq il-Kavallieri ta' Malta - u fejn hemm stop sign ma' tabella u stop sign mal-art. Ix-xhud qala' daqqa fuq in-

naħa tal-passiġġier u l-karozza spiċċat total loss. Huwa sab ruħu mdawwar jħares lejn in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Qaliet. L-appellant tela' l-bankina u baqa' dieħel ġo ħajt. L-irkoppa tax-xhud kienet maqbuda fid-dashboard. Ittieħed l-isptar Mater Dei fejn għamlulu l-punti fi rkobbtejh u dam l-isptar sas-sitta tal-għada filgħodu. L-appellant beda jsir konxju ta' x'ġara wara li bdew ġejjin in-nies u beda jgħid li x-xhud daħal ġo fih meta dan ma kienx possibbli. L-appellant kien fi stat qawwi ta' paniku u beda jgħid li kien hemm persuna oħra fil-karozza tiegħu (jiġifieri f'dik tal-appellant) waqt illi x-xhud ma rahiex. **Huwa talab lill-Pulizija jagħmlu l-breathalyser test lill-appelant għaliex ix-xhud deherlu li l-appellant ma kienx konxju ta' x'inhu jiġri.**

Fil-kontro-eżami, ix-xhud ċaħad li l-appellant kien wieqaf fuq l-istop sign u li x-xhud laqat lill-appellant.

L-appellant Martin Zammit xehed li hu kien ħiereġ bil-mod minn side street. Kien hemm il-karozzi mal-ġenb u ma setax jara min ġej. Kif ipponta l-bumper 'il quddiem, ġie Matthew Mallia u tah daqqa li tefgħu fiċ-ċint. Ix-xhud ħareġ biex jara x'kellu x-xufier l-ieħor. Huwa spiċċa Mater Dei għax kellu ħafna daqqiet tas-seat belt u ħafna tbenġil ġo sidru. Il-Pulizija għamlulu t-test tal-breathalyser fl-għassa tliet darbiet u ma rriżultax li kien xurban. Ma kinux għamlulu t-testijiet l-oħra. Huwa xehed ukoll li Martin Zammit kien nieżel b'veloċita' qawwija.

Fil-kontro-eżami x-xhud ċaħad li kien ħareġ fit-triq prinċipali u qal ukoll li kien sofra ġrieħi ħfief. Dwar il-breathalyser test huwa kien sema' lill-Pulizija jgħidu li l-istrument ma kienx qed jaħdem. Huwa ma setax jieħu n-nifs minħabba l-ġrieħi f'sidru. Fiż-żmien meta kien qed jixhed huwa ma kellux liċenzja biex isuq.
Il-Qorti ser tqis l-aggravji tal-appellant seriatim.

**L-ewwel aggravju huwa li ma nġabet ebda prova li l-appellant kien filfatt ikkonsma xi kwantita' – kbira jew żgħira – ta' alkoħol.**

L-appellant ikkwota b'approvazzjoni l-każ 'Il-Pulizija versus Brenda Agius' tal-15 ta' Mejju 2008 b'mod partikolari:

'Biżżejjed li jirriżulta mill-osservazzjoni ta' xhieda preżenti li s-sewweiq ikun qed juri sinjali ta' xorb ta' alkoħol, bħalma huma sewqan inspjeganilment erratiku jew spavald iżżejjed.'

Hawn il-Qorti ser tirreferi għal każ ieħor deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999 deċiż mill-Onor.Vincent Degaetano fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Francis Pace' fejn intqal hekk:

'Huwa biss għall-finijiet taħt dana la-rtikolu (15B) li l-liġi tirrikjedi r-riżultat tal-analiżi ta' kampjun tan-nifs, demm jew urina meħuda u analizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15E. Huwa veru li r-riżultat ta' tali analiżi jista' jservi bħala prova wkoll għall-finijiet tal-ksur tal-artikolu 15A – kif tindika d-diċitura kemm fil-bidu tas-subartikolu (1) tal-artikolu 15E, kif ukoll id-diċitura tas-subartikoli 5 u6 – iżda tali analiżi mhix meħtieġa. Fi kliem ieħor, biex jiġi deċiż mill-Qorti jekk persuna kinitx qed issuq 'meta l-kapaċita' tagħha li ssuq sew (kienet) għal xi ħin imnaqqsa minħabba xorb jew drogi bi ksur tal-artikolu 15A, wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni provi oħra bħalma huma l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq...'[1]

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li qal Matthew Mallia 'Ix-xhud deherlu li l-appellant ma kienx konxju ta' dak li qed jiġri'. Għarblet ukoll bir-reqqa d-dinamika tal-inċident u r-ritratti li juru kif il-karozza tal-appellant baqgħet dieħla fil-ħajt u waqqgħet il-ġebel. Ma' dan żiedet ukoll is-suspett li semma PS 192 Ramon Godano li l-appellant kien taħt l-influwenza tax-xorb. Dan ix-xhud imkien ma jgħid li l-istrument ma kienx jaħdem iżda li 'Martin Zammit ma kienx f'kundizzjoni li jagħmlu sewwa.'

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni u għalhekk qed tiċħad dan l-aggravju.

[1] Vol LXXXIII Part IV Paġina 394

**It-tieni aggravju huwa dwar it-tieni imputazzjoni.**

L-appellant jissottometti li huwa ma rrifjutax li jagħti l-kampjun għax it-test sar tliet darbiet u li jekk ma setax jonfoħ kif suppost dan ġara minħabba l-inċident stradali. Oltre dan il-Pulizija naqsu li jużaw metodi alternattivi.

L-artikolu 15E(4) tal-Kap 65 jgħid hekk:

(4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma
jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:

Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.'

Il-Qorti ħarset mill-qrib lejn l-affidavit ta' PS 192 Ramon Godano minn fejn jirriżulta li l-appellant ma kienx kienx f'kundizzjoni li jagħmlu sewwa.

Minn dan il-kliem ġie stabbilit li, filwaqt li l-appellant ma rrifjutax li jagħti l-kampjun iżda xorta naqas (it-tieni alternattiva msemmija fid-dispożizzjoni) milli jagħti l-kampjun rikjest.

Jonqos għalhekk li tkun analizzata d-difiża tal-appellant li tidher tidher kemm fl-affidavit kif ukoll fix-xhieda tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti, din id-difiża ma hi konvinċenti xejn. Lanqas ir-ritratti esibiti mill-appellant ma jwasslu għal xi konklużjoni li l-appellant kien fi stat tant batut – huwa qal minħabba s-seat belt – li ma kiens seta' jagħti n-nifs.

Oltre dan, il-Prosekuzzjoni mhix marbuta li tagħmel testijiet alternattivi speċjalment li jkun beda jgħaddi l-ħin u

għalhekk ikun aktar diffiċli biex wieħed jistabilixxi kienx hemm preżenti ċerti elementi.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan it-tieni aggravju.

**It-Tielet Aggravju – Id-dinamika tal-inċident**

L-appellant jissottometti li hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Allura, peress li qegħdin fil-kamp penali, m'għandhiex tinstab ħtija.

F'każijiet ta' konflitt ta'provi, il-Qorti tista' tillibera iżda tista' wkoll tevalwa x-xhieda kollha u tara min qed jgħid il-verita'.

Mill-provi jirriżulta ċar li l-appellant kien ħiereġ minn side street, minn stop sign (mal-art u mat-tabella) u lik, skont kif xehed hu stess, kien hemm karozzi oħra li qed ifixklu l-viżwali. L-allegat vittma kien qed isuq f'Main Road. Kien id-dmir tal-appellant li jagħmel a proper look out għax hu ried joqgħod ferm attent li ħiereġ minn side road, minn stop sign u bil-viżwali tiegħu mfixkla.

L-offiżi ħfief li sofra l-vittma jirriżultaw miċ-ċertifikat esibit.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-appellant kien responsabbli għall-inċident u għalhekk qed tiċħad it-tielet aggravju.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar l-1 ta' Novembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------